# QORTI TAL-MAĠISTRATI (GĦAWDEX)
# BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI

## MAĠISTRAT DOTTOR SIMONE GRECH
## B.A., LL.D., MAG. JUR. (EUR LAW)

**Każ numru 401/2021 (SG)**

**Il-Pulizija**

**–vs–**

**Raymond Gatt**

**Illum 11 ta' Diċembru 2024**

**Il-Qorti;**

**Rat** l-imputazzjoni mressqa kontra **Raymond Gatt**, imwieled Rabat Għawdex fit-28 ta' Ġunju 1961, detentur tal-karta tal-identita' numru 50861G li permezz tagħha gie akkuzat talli nhar l-4 ta' Ġunju 2021, għall-ħabta tal-10:09Hrs ġewwa Triq il-Ġebla tal-Ġeneral San Lawrenz Għawdex bla ħsieb li jisraq jew li jagħmel ħsara kontra l-liġi, iżda biss biex jeżercita jedd li jippretendi li għandu, ġiegħel bl-awtorita tiegħu innifsu lil xi ħadd iħallas dejn, jew jesegwixxi obbligazzjoni, tkun li tkun, jew fixkel lil xi ħadd fil-pussess ta' ħwejjġu, jew ħatt bini, jew kiser il-mixi tal-ilma jew ħa ilma għalih, jew b'xi mod ieħor kontra l-liġi indaħal fi ħwejjeġ ħaddieħor;

**Rat** li din il-kawża ġiet assenjata lil din il-Qorti hekk kif ippreseduta;

**Rat** il-provi kollha, kif ukoll id-dokumenti esibiti;

**Rat** l-atti kollha tal-proċeduri;

**Rat** ir-Relazzjoni tal-Perit Tekniku;

**Semgħet** is-sottomissjonijiet orali tal-Prosekuzzjoni, tal-Parte Civile u tad-Difiża fis-seduta tat-22 ta' Mejju 2024;

**Rat** illi l-kawża kienet imħollija għal-lum għas-sentenza;

**Ikkunsidrat:**

Illi l-imputat ġie akkużat taħt Artikolu 85 ta' Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta li jiddisponi illi:

*85.(1) Kull min, bla ħsieb li jisraq jew li jagħmel ħsara kontral-liġi, iżda biss biex jeżerċita jedd li jippretendi li għandu, iġiegħel, bl-awtorità tiegħu nnifsu, lil xi ħadd iħallas dejn, jew jesegwixxi obbligazzjoni, tkun li tkun, jew ifixkel lil xi ħadd fil-pussess ta' ħwejġu, jew iħott bini, jew jikser il-mixi tal-ilma jew jieħu l-ilma għalih, jew b'xi mod ieħor, kontra l-liġi, jindaħal fi ħwejjeġ ħaddieħor, jeħel, meta jinsab ħati, il-piena ta' priġunerija minn xahar sa tliet xhur:*

*Iżda, il-qorti tista', fid-diskrezzjoni tagħha, minflok il-piena hawn fuq imsemmija, tagħti l-piena tal-multa: Iżda wkoll l-akkużat jista' jiddefendi ruħu billi jagħti prova li tali azzjoni kienet magħmula bħala miżura temporanja meħtieġa mill-bżonn attwali tad-difiża leġittima ta' wieħed innifsu jew ta' ħaddieħor: Iżda f'każijiet ta' żgumbramenti arbitrarji jew sfurzati ta' okkupant mill-proprjetà li huwa jokkupa bħala r-residenza primarja tiegħu, inkluż kwalunkwe dħul mhux permess fil-proprjetà, it-tneħħija ta' għamara, apparat domestiku jew affarijiet personali mill-proprjetà, jew is-sospensjoni jew interruzzjoni ta' servizzi tad-dawl u tal-ilma, b'kull mod, inkluża l-istallazzjoni ta' apparati li jippermettu lis-sid jissospendi l-provvista diretta tas-servizzi tad-dawl u tal-ilma lill-proprjetà, il-multa ma għandhiex tkun inqas minn elf u ħames mitt euro (€1,500) u mhux aktar minn erbat elef euro (€4,000).*

F'Pulizija vs Camilleri Grazio deċiża fis-27 ta' Ottubru 2010 mill-Qorti tal-Appell intqal li:

> *Biex jikkonfigura ruhu r-reat ta' ragion fattasi jridu jikkonkorru dawn l-elementi*
> *Att estern li jispolja lil xi hadd iehor minn haga li jkun qieghed igawdi, liema att ikun ezegwit kontra l-oppozizzjoni espresssa jew prezunta ta' dan il-hadd iehor;*
> *Il-kredenza li l-att qieghed isir b' ezercizzju ta' dritt;*
> *Il-koxjenza fl-agent li hu qieghed jaghmel di privato braccio dak li jmissu jsir permezz ta' l-awtorita' pubblika (jew fi kliem il-Crivellari, Il Codice Penale per il-Regno d' Iralia Interpretato ecc., Torino 1895, Vol VI pagna 749, 'la persuasion di fare da se' cio' che dovrebbe farsi reclamando l-opera del Magistrato')u*

*In-nuqqas ta' titolu li jirrendi l-fatt aktar gravi (ara fost diversi sentenzi Il-Pulizija vs Salvatore Farrugia, Appell Kriminali 14 ta' Dicembru 1957, Vol XLI.iv.1506, Il-Pulizija vs Carmel sive Charles Farrugia App. Krim 17 ta' Frar 1995, Il-Pulzija vs Carmelo Ciantar 18 ta' Settembru 1996, ara wkoll Falzon G Annotazioni able Leggi Criminali (Malta) 1872, p 123).*

*Fil-Liġi Maltija, l-elementi ta' dan ir-reat kif imħadna fil-ġurisprudenza Maltija jirriflettu l-analiżi tal-ġurista Taljan Francesco Carrara fil-kitba tiegħu Esposizioni dei Delitti in specie – parte speciale del Programma del corso di diritto criminale, Volum 5, Lucca, 1868, fejn, f'pagna 487, para 2850 itenni l-elementi ta' dan ir-reat bħala:*
*"1.o Un atto esterno che spogli altri di un bene che gode, e sia eseguito contro la opposizione o espressa o presunta di questo*
*2.o Credenza di far quest'atto in esercizio di un diritto*
*3.o Coscienza di fare di privato braccio quello che dovrebbe farsi per autorita' di magistrate*
*4.o Mancanza di titolo piu' grave."*

Fis-sentenza deċiża mill-Qorti tal-Appell Kriminali fl-ismijiet Il-Pulizija vs Spiru Bartolo nhar id-disgħa (9) ta' Jannar tas-sena elfejn u sitta (2006) inqtal hekk:

*"Illi kif gie ritenut minn din il-Qorti diversament preseduta l-elementi kostituttivi tar-reat ta' "ragion fattasi" taht l-art.85 tal-Kodici Kriminali huma erbgha u cioe' :-*
*(a) att estern li jispolja lil xi hadd minn xi haga li tkun qieghed igawdi, liema att ikun esegwit kontra loppozizzjoni, espressa jew prezunta, ta' dan il-hadd iehor;*
*(b) il-kredenza li l-att qed isir b'ezercizzju ta' dritt ;*
*(c) il-koxjenza fl-agent li hu qieghed jaghmel "di privato braccio" dak li jmissu jsir permezz ta' l-awtorita' pubblika ; u*
*(d) n-nuqqas ta' titolu li jirrendi l-fatt aktar gravi. (Ara. App. Krim. "Il-Pulizija vs. Carmel maghruf bhala Charles Farrugia"[17.2.95] ; "Il-Pulizija vs. Reno Micallef"[6.6.95] ; "Il-Pulizija vs. Mark John Schembri"[18.9.2002] u ohrajn)."*

Tal-istess portata kienet id-deċiżjoni mogħtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fl-ismijiet Il-Pulizija vs Mario Lungaro fit-18 ta' Novembru 1996:

> *"Biex jikkonfigura ruhu r-reat ta' ragion fattasi, iridu jikkonkorru dawn l-elementi:*
>
> *"(1) att estern li jispolja lil xi hadd iehor minn haga li jkun qieghed igawdi, liema att ikun ezegwit kontra l-opposizzjoni, espresso jew presunta, ta' dan il-hadd iehor;*
> *(2) il-kredenza li l-att qieghed isir b'ezercizzju ta' dritt;*
> *(3) il-koxjenza fl-agent li hu qieghed jaghmel 'di privato braccio' dak li jmissu jsir per mezz ta' l-awtorita` pubblika (jew, fi kliem il-Crivellari, Il Codice Penale per il Regno d'Italia Interpretato ecc., Torino, 1895, Vol. VI, pagna 749, 'la persuasione di fare da se` cio` che dovrebbe farsi reclamando l'opera del Magistrato'); u*
> *(4) in-nuqqas ta' titolu li jirrendi l-fatt aktar gravi (ara, fost diversi sentenzi, Il-Pulizija v. Salvatore Farrugia, Appell Kriminali 14 ta' Dicembru, 1957, Vol. XLI.iv.1506; Il-Pulizija v. Carmel sive Charles Farrugia, App. Krim. 17 ta' Frar, 1995; Il-Pulizija v. Carmelo Ciantar, 18 ta' Settembru, 1996; ara wkoll Falzon, G., Annotazioni alle Leggi Criminali (Malta), 1872, p. 123)."*
>
> *Hu risaput - u dan, del resto, johrog mill-istess definizzjoni tar-reat in dizamina - li l-istess att materjali jista' jaghti lok ghar-reat ta' ragion fattasi jew ghal reat iehor (hsara volontarja, serq), u jekk ikunx hemm dana r-reat ta' ragion fattasi jew xi reat iehor ikun jiddependi mill-intenzjoni tal-agent. Hu rrelevanti jekk dina l-intenzjoni tikkwalifikax bhala intenzjoni specifika jew intenzjoni generika".*

Din il-Qorti tqis illi fil-kliem tal-liġi nfisha biex jissussisti r-reat tar-ragion fattasi jinħtieġ li l-imputat "ifixkel lil xi ħadd fil-pussess ta' ħwejġu." Fi kliem ieħor jinħtieg att estern li jispolja lil ħaddieħor minn oġġett li jkun qiegħed igawdi.

**Ikkunsidrat:**

Mill-affidavit ta' PS 428 Carmelo Debattista jirriżulta li l-ilment ta' Joseph Grima kien li Raymond Gatt kien għamel xi ħajt tal-qasma ta' għalqa u għadda xi pajp tal-ilma minn ġewwa l-għalqa tal-istess Grima. Mill-kwerela annessa

mal-istess affidavit ta' PS 428 Carmelo Debattista, jirriżulta li l-ilment kien proprju dak u ċjoè li allegatament Raymond Gatt mingħajr ebda awtorizzazzjoni u anke wara li hu miżmum b'mandat ta' inibizzjoni bin-nurmu 48/2014 bena ħajt u anke għadda katusa u/jew pajp minn ġol-għalqa li hija fil-pussess ta' Joseph Grima.

Inoltre, anke fil-current incident report (ukoll esibit flimkien mal-affidavit ta' PS 428 Carmelo Debattista), il-kwerelant kien ġie rapportat li spjega s-segwenti:

*"Irraporta illum illi huwa kien għamel mandat sabiex jigu stabbiliti xi differenzi li għandu Joseph Grima bejnu u Raymond Gatt u kien innota illi illum Gatt kien mar gewwa il-post imsemmi u li miegħu kellu gaffa zgħira u dan tal-aħħar ħaffer il-pedamenti għal ħajt u bnieħ meta suppost din il-qasma kellha tigi mmarkata bil-qorti. Grima zied jgħid illi Gatt kien għadda ukoll xi katusi minn gewwa għalqa tiegħu.*

*Huwa kien informa lil Dr. Grech sabiex ikun jista' jwaqqaf li Gatt minn xi xogħolijiet li jista jagħmel bil-marixxall minħabba li huwa għandu digriet b'mandat ta' inibizzjoni maħrug minn Dr. Joanne Vella Cuschieri...".*

Din il-Qorti ħadet inkonsiderazzjoni l-konstatazzjonijiet u l-konklużjonijiet li wasal għalihom il-perit tekniku nominat minn din il-Qorti hekk kif diversament ippreseduta. Il-perit tekniku ikkonstata li f'xi żmien preċedenti għal dan ir-rapport odjern, fit-tarf tal-passaġġ tal-konkos ABCDE immarkat fuq Dok JS 11104 kien hemm fetħa u għalhekk kien hemm xi forma ta' aċċess aktarx rampa (Dok RG 280101 ritratt A). Irriżulta wkoll lill-perit tekniku li meta kien qed jitla' l-ħajt XX fuq RG 281002, dan spiċċa għalaq il-parti ACDE fuq Dok JG220401 bil-konsegwenza li dan il-ħajt imblokka aċċess già eżistenti li tidher fuq Dok RG 281001 (ritratt A). Ġie notat ukoll li l-kwerelant qatt ma qabel dwar dan il-ħajt tant li kien anke ġie istitwit mandat ta' inibizzjoni kontra l-imputat.

Il-kwerelant xehed quddiem il-perit tekniku fejn spjega li:

*"**Ngħid li r-rapport u ċioe dak mertu tal-kawża odjerna sar għaliex is-Sur Gatt għalaqli l-passagg u ċioe ma ħallielix minn fejn ngħaddi. Nispjega li fil-parti ACDE li qed nimmarka fuq dok JG 220401 hija parti li qabel ma kienitx ingumbrata u illum għamilli ħajt tas-sejjieħ fiha b'tali mod li ma nistax naċċedi għall-għalqa tiegħi li tinsab wara l-parti DE ċirċa. Dan kien Gunju 2021. Nispjega wkoll illi hemm katusa li għaddiet minn gol-popjeta tiegħi mingħajr il-permess tiegħi u din saret tminn snin ilu pero ndunajt biha meta mexa dan il-ħajt. Ngħid li jien mort u kxift il-konkos u sibt il-katusa**. Ngħid li jiena illum ma nistax nidħol u għaldaqsant ma hiniex immur fuq il-post. Ngħid li fir-rigward ta meta ċċaqlaq il-ħajt u ċioe l-mertu tal-kawża odjerna jien*

*lill-imputat ma rajtux iċaqalqu pero mort u sibt kollox lest...*" (enfasi miżjud minn din il-Qorti)

Din il-Qorti tqis li għalkemm il-kwerelant ma osservax lill-imputat jibni dan il-ħajt, irriżulta ampjament li kien hemm pendenzi anke ġudizzjarji fil-fora ċivili fir-rigward ta' dan il-ħajt u dawn l-ambjenti bejn l-imputat u l-kwerelant. Din il-Qorti tagħmel referenza wkoll għall-kontenut tal-affidavit tas-surġent Debattista u kif ukoll għall-kontenut ta' Dok RG 010901 et seq (u ċjoè r-rapport tal-Inginier Raymond Attard) li fihom jirriżulta li mill-investigazzjoni li saret, dan il-bini ta' dan il-ħajt sar mill-imputat.

Fiċ-ċirkostanzi din il-Qorti tqis li l-elementi tar-raggion fattasi ġew ampjament ippruvati u dana peress li rriżulta li l-imputat ħa l-liġi b'idejh meta bena ħajt biex imblokka passaġġ li kien jagħmel użu minnu Joseph Grima. Infatti, fil-konstatazzjonijiet magħmula mill-perit tekniku rriżulta li effettivament l-aċċess li qed jallega li kellu Joseph Grima kien jeżisti u li dik il-parti fejn illum kien hemm ħajt, effettivament ma kienx hemm ħajt fuqha iżda x'aktarx rampa. Irriżulta wkoll, hekk kif ukoll ikkonstata l-perit tekniku, li per konsegwenza ta' dan il-bini ta' dan il-hajt, l-aċċess ġie mblukkat u ergo l-kwerelant ġie mċaħħad mill-pussess li kellu. Din il-Qorti tqis li ġie ppruvat mill-Prosekuzzjoni li l-imputat bena dan il-ħajt nonostante li kien konsapevoli li kien hemm diżgwid bejnu u bejn il-kwerelanti dwar dan. Ġie ppruvat mill-Prosekuzzjoni li l-imputat kellu l-kredenza li huwa qiegħed jibni dan il-ħajt b'eżerċizzju ta' xi dritt u li huwa kien qiegħed jagħmel di privato braccio dak li jmissu jsir permezz ta' awtorità pubblika. Fil-fehma ta' din il-Qorti, għalhekk wara li qieset iċ-ċirkostanzi kollha ta' dan il-każ u wara li qiegħda tagħmel tagħha l-konklużjonijiet kollha raġġunti mill-perit tekniku, tqis li l-elementi tar-reat tar-ragion fattasi ġew ampjament ippruvati.

## Decide

**Għaldaqstant, għal dawn ir-raġunijiet, din il-Qorti wara li rat l-artikolu 85(1) tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta, qed issib lill-imputat ħati tal-imputazzjoni miġjuba fil-konfront tiegħu u tikkundannah għall-ħlas ta' multa ta' tliet mitt ewro (€300), filwaqt li ai termini tal-artikolu 377(3) tal-Kodiċi Kriminali qiegħda tordna lill-imputat sabiex sa mhux aktar tard minn xahrejn mid-data li fiha din is-sentenza ssir res judicata, ineħħi l-ħajt li jidher fuq ir-ritratt VS 0101 u ċjoè l-ħajt XX fuq RG 181002 jew kif aħjar indikat bħala l-ħajt li għalaq il-parti ACDE fuq Dok JG 220401, liema ħajt imblokka l-aċċess già eżistenti mir-rampa li tidher fuq Dok RG 281001 Ritratt A. Dan ix-xogħol għandu jsir taħt is-sorveljanza tal-Perit Tekniku Valerio Schembri u l-ispejjeż inkorsi għal dan il-fini għandhom jiġu sopportati fl-intier mill-istess imputat.**

**Inoltre b'applikazzjoni tal-Artikolu 533 tal-Kapitolu IX tal-Liġijiet ta' Malta qed tordna lill-imputat biex iħallas lir-Reġistratur ta' din il-Qorti s-somma ta' disa' mija u sebgħa u sebgħin ewro u disgħa u tletin ċenteżmu (€977.39ċ) rappreżentanti ħlas magħmul lill-Perit Valerio Schembri in konnessjoni ma' din il-kawża.**

**(ft) Dr Simone Grech**
**Maġistrat**

**(ft) John Vella**
**D/Reġistratur**

**Vera Kopja**

**Għar-Reġistratur**